# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1/2011 MCH**

***Liquigas Malta Limited***

***v.***

**Uffiċċju għall-Kompetizzjoni**

1. Dan huwa appell tal-Aġent Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) ["id-Direttur Ġenerali"] minn sentenza mogħtija mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur ["it-Tribunal"] fl-14 ta' April 2015 li biha tħassret deċiżjoni mogħtija fl-24 ta' Diċembru 2010 mill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta ["l-Uffiċċju"] illi tinħareġ "ordni ta' waqfien u ebda tkomplija" kontra *Liquigas Malta Limited* [*Liquigas*]

taħt id-disposizzjonijiet tal-art. 13(1) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni ["Kap. 379"] kif kien fiż-żmien relevanti. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Wara investigazzjoni fuq ilment illi *Liquigas* kienet qiegħda timponi fuq id-distributuri taċ-ċilindri tal-gass kondizzjoni illi jbigħu biss prodotti tagħha, l-Uffiċċju fl-24 ta' Diċembru 2010 iddeċieda hekk:

> »… … … wara li ġie kkunsidrat id-dannu lill-konsumatur illi jibqa' jippersisti, minħabba l-aġir ta' *Liquigas*, jiġifieri, billi jibqa' jirritjuta milli jforni lid-distributuri b'ċilindri tal-gass, u billi jibqa' jenforza l-obbligi *in vigore* ta' xiri kif spjegat *infra*, jirriżulta illi *Liquigas Co. Limited* qegħdin jiksru artiklu 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni(Kap 379).
>
> »*Ai termini* t'artikolu 13(1) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap 379) id-Direttur qiegħed joħroġ din il-ordni ta' waqfien u ebda tkomplija, u għaldaqstant jordna lil *Liquigas Co Limited* biex:
>
> »1. tieqaf immedjatament milli timponi kwalsiasi provvedimenti rigwardanti xiri/distribuzzjoni esklussiv, u
>
> »2. b'effett immedjat u mingħajr ebda kundizzjoni jforni lid-distributuri biċ-ċilindri tal-gass biex jiġi evitat aktar ħsara lill-konsumatur.«

3. *Liquigas* ressqet appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Kummissjoni tal-Kummerċ Ġust (illum it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur) u t-Tribunal bis-sentenza li minnha sar dan l-appell iddeċieda illi "jannulla d-deċiżjoni u l-ordni in kwantu fil-proċeduri tal-Uffiċju li wasslu għad-deċiżjoni u l-ordni l-Uffiċju ma kkonformax mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali u ġew vjolati d-drittijiet tad-difiża [ta' *Liquigas*]". Ir-raġunijiet li wasslu lit-Tribunal għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk:

> »Ikkunsidra:
>
> »illi fit-23 ta' Diċembru 2010 is-Segretarju Parlamentari Responsabbli mill-Kompetizzjoni ressaq l-ilment għall-investigazzjoni mill-Uffiċju peress li ġie allegat li l-lanjata u *cioè Liquigas Malta Limited* kienet qed tabbuża mid-dominanza tagħha fis-suq tal-bejgħ tal-gas *LPG* permezz ta' ċilindri meta kienet qed tirrifjuta illi tforni ċilindri *LPG* lid-distributuri sakemm l-istess distributuri jonoraw [*recte*, ma jonorawx] provvediment partikolari fl-akkordju ("il-Ftehim") eżistenti bejn id-

distributuri u l-Korporazzjoni Enemalta (il-lanjata kienet sussegwente-ment ġiet issurrogata fl-akkordju imsemmi minflok l-Korporazzjoni Enemalta), liema provvediment *ossia* l-klawsola 12(ċ) tistipula li d-distributuri ma jistgħux jixtru, jiddistribwixxu jew ibiegħu ċilindri jew kull prodott ieħor li m'huwiex tal-lanjata.

»illi nhar l-24 ta' Diċembru 2010 l-Uffiċju ikkonkluda li bl-aġir tagħha l-lanjata qed tikser l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379) u għalhekk inħarġet l-Ordni mill-Uffiċju fil-konfront tal-lanjata sabiex tieqaf immedjatament milli timponi kwalsiasi provvedimenti rigwardanti xiri jew distribuzzjoni esklussiv u b'effett immedjat u mingħajr ebda kundizzjoni tforni lid-distributuri biċ-ċilindri tal-gas sabiex jiġi evitat aktar ħsara lill-konsumatur.

»illi din id-deċiżjoni tirrigwardja l-ewwel aggravju tal-lanjata u *cioè* li d-drittijiet tagħha fil-proċess li wassal għad-Deċiżjoni u l-Ordni da parti tal-Uffiċju ma ġewx rispettati. F'dan ir-rigward il-lanjata spjegat is-segwenti kronoloġija tal-fatti mill-mument li saret taf bl-ilment sa kemm ingħataw id-Deċiżjoni u l-Ordni:

»(i) nhar it-23 ta' Diċembru 2010 filgħodu l-lanjata ġiet imsejħa biex tidher quddiem l-Uffiċju fejn saret laqgħa dakinhar stess f'nofsinhar matul liema laqgħa l-lanjata ġiet infurmata bl-ilment. Il-lanjata qalet li għalkemm talbet sabiex tingħata kopja tal-ilment din ma ngħatatx u l-lanjata ġiet infurmata biss verbalment dwar is-sustanza tal-ilment;

«(ii) dakinhar stess wara l-laqgħa, permezz ta' *email* mibgħuta mill-Uffiċju fl-14:15, il-lanjata ġiet mitluba tirrispondi lista ta' domandi u sabiex tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub sa dakinhar stess, liema sottomissjonijiet ġew ippreżentati mill-lanjata lill-Uffiċju dakinhar fil-għaxija;

»(iii) dakinhar stess wara li ġew ippreżentati s-sottomissjonijiet, il-lanjata reġgħet ġiet imsejha mill-Uffiċju u saret laqgħa oħra tard bil-lejl sa kmieni l-għada filgħodu. Dakinhar u *cioè* fl-24 ta' Diċembru, l-għada li bdew il-proċeduri, inħarġet id-Deċiżjoni mill-Uffiċju;

»(iv) f'dan il-perjodu l-lanjata ma ngħatat l-ebda indikażżjoni speċifika dwar l-allegat ksur, ma ġietx infurmata bl-argumenti jew bis-sottomissjonijiet li saru mill-partijiet interessati u kien biss dakinhar tal-24 ta' Diċembru li l-lanjata semgħet li l-Uffiċju kien bi ħsiebu jagħti deċiżjoni.

»Il-lanjata qalet li għalhekk din il-kondotta proċedurali *da parte* tal-Uffiċju tmur kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali kif misjuba fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkuntrasta mal-proċeduri tal-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, senjatament l-artikolu 27(1) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Nº 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 u l-artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (EC) Nº 773/2004 tas-7 ta' April 2004 in kwantu *inter alia* l-lanjata ma kinitx f'posizzjoni li tħejji d-difiża tagħha b'mod adegwat peress li ma ngħatax żmien xieraq għal dan l-iskop; ma kinitx infurmata sew dwar in-natura tal-allegazzjonijiet miġjuba fl-ilment għaliex ingħatat biss informazzjoni limitata u mhux speċifika; u ma ġietx infurmata dwar l-argumenti tal-partijiet l-oħra involuti. *Inoltre*, għall-istess raġunijiet, il-lanjata lanqas ma kellha l-opportunità li tirregolarizza l-posizzjoni tagħha.

»illi mix-xhieda u l-provi prodotti jirriżulta li l-kronoloġija tal-fatti kif seħħew mill-mument meta l-Uffiċju rċieva l-ilment sa meta ngħataw id-Deċiżjoni u l-Ordni hi s-segwenti:

»Nhar it-23 ta' Diċembru 2010

»(i) l-Uffiċju rċieva l-ilment mingħand il-Ministeru fl-10:29 ta' filgħodu permezz ta' *fax*. Din kienet l-ewwel komunikażżjoni li rċieva l-Uffiċju rigward dan il-każ;

»(ii) l-Uffiċju ddiskuta l-ilment internament u ssejħet laqgħa mal-lanjata;

»(iii) il-laqgħa mal-lanjata nżammet l-Uffiċju f'nofs inhar fejn il-lanjata ġiet infurmata bl-ilment u saru sottomissjonijiet verbali *da parte* tal-lanjata;

»(iv) permezz ta' *email* mibgħuta fis-14:15 l-Uffiċju talab lill-lanjata tressaq is-sottomissjonijiet u spjegazzjonijiet tagħha bil-miktub. Din intbagħatet versu l-indirizz … li rriżulta li hu indirizz ħażin u fl-16:03 l-istess *email* reġgħet intbagħatet versu l-indirizz … korrett;

»(v) inżammet laqgħa l-Uffiċju mal-*GRTU* fit-15:00, fejn il-*GRTU* spjegat l-allegazzjonijiet tagħha u pproduċiet dokumentazzjoni;

»(vi) permezz ta' *email* mibgħuta fit-19:52 il-lanjata wieġbet għall-*email* tal-Uffiċju u ressqet is-sottomissjonijiet tagħha;

»(vii) l-Uffiċju rega' sejjaħ laqgħa oħra mal-lanjata li nżammet fid-21:00 u ntemmet versu nofs il-lejl (00:00).

»Nhar l-24 ta' Diċembru 2010

»(i) fl-09:45 inżammet laqgħa l-Uffiċju mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u ġie prodott id-dokument a fol. 64;

»(ii) ingħatat id-Deċiżjoni mill-Uffiċju.

»illi mill-provi mressqa jirriżulta li l-Uffiċju kkunsidra dan il-każ bħala wieħed ċar, fejn la kien hemm punti kumplessi ta' liġi u anqas ta' fatt. L-Uffiċju spjega li l-bażi tad-Deċiżjoni kien il-Ftehim, fejn l-Uffiċju iffoka fuq l-*exclusive purchase and sale obligation* u *cioè* li d-distributuri kienu obbligati *ai termini* tal-Ftehim li jixtru u jbiegħu esklussivament ċilindri tal-gas tal-lanjata. L-Uffiċju kkunsidra s-suq rilevanti bħala dak tal-bejgħ taċ-ċilindri tal-gas *LPG* u kkunsidra wkoll il-posizzjoni dominanti tal-lanjata. L-Uffiċju qal li l-partijiet ikkonċernati f'dan il-każ kienu l-lanjata u l-*GRTU*, u li saru laqgħat mat-tnejn, filwaqt li saret ukoll laqgħa mar-regolatur u *cioè* l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi. L-Uffiċju spjega li lment ġie moqri lil-lanjata u li saret referenza għall-Ftehim u l-*exclusive purchase and sale obligation*. Jirriżulta wkoll li l-lanjata kkoperat mal-Uffiċju kemm matul il-laqgħa u anki sabiex wieġbet għad-domandi tal-Uffiċju. L-Uffiċju spjega li dan il-każ kien urġenti ħafna in kwantu l-Uffiċju kien qed jirċievi ħafna ilmenti mingħand diversi ħwienet u stabbilimenti minħabba l-fatt li ma kinux qegħdin jitqassmu ċilindri tal-gas f'dak iż-żmien tal-festi tal-Milied. Jirriżulta wkoll però li d-distributuri ma kinux qegħdin jiddistribwixxu ċ-ċilindri tal-gas fuq struzzjonijiet tal-*GRTU*. Intqal ukoll mill-Uffiċju li ma kienx hemm il-ħtieġa li tintuża l-proċedura ta' *interim measure* fil-każ odjern in kwantu din il-proċedura tintuża meta jirriżulta ksur *prima facie* u l-Uffiċju jkun irid jinvestiga aktar qabel ma jasal għall-konklużjonijiet

tiegħu; però dan kien każ ċar għall-Uffiċju tant li għadda biex ta d-Deċiżjoni u l-Ordni. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-Uffiċju baqa' jinvestiga dan il-każ sakemm ingħatat ukoll deċiżjoni fuq id-*deposit scheme* taċ-ċilindri tal-gas f'Jannar 2011 u nħareg rapport f'Jannar 2013, liema rapport però kien aktar kumpless għaliex jinvolvi l-*market share*.

»illi l-Uffiċju qal ukoll li ma jirriżultalux li kien hemm każijiet oħra ta' priorità daqs tal-każ odjern f'dawn l-aħħar ħames snin, għalkemm f'dawn l-aħħar sentejn jirriżultaw żewġ każijiet oħra ta' importanza li jinvolvu s-settur in kwistjoni u lil-lanjata stess, li ġew risolti mill-Uffiċju f'sitt ijiem (każ COMP311 - *Investigation concerning refundable deposit on gas cylinders*) u fi tlett (3) ijiem (każ COMP2/2013 - *Complaint by gas distributors*) rispettivament. Fir-rigward tal-ewwel każ u *cioè* COMP311, … jirriżulta li l-ilment partikolari f'dak il-każ wasal l-Uffiċju fis-27 ta' Diċembru 2010 u d-deċiżjoni ngħatat fl-10 ta' Jannar 2011, u għalhekk, kuntrarjament għal dak li ngħad mill-Uffiċju, fil-fatt damet aktar minn sitt ijiem biex tiġi deċiża. Jirriżulta wkoll mill-*emails* esebiti … li l-lanjata f'dak il-każ kienet ressqet l-istess oġġezzjonijiet għall-proċeduri tal-Uffiċju li fil-fatt ressqet fil-każ odjern u *cioè* li l-proċeduri tal-Uffiċju jridu jsiru in ottemperanza mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, senjatament rigward smigħ xieraq. Fir-rigward tat-tieni każ u *cioè* COMP2/2013, dan ma ġiex riżolt b'deċiżjoni tal-Uffiċju in kwantu l-lanjata f'dak il-każ, li kienet ukoll *Liquigas Malta Limited*, kienet irranġat is-sitwazzjoni u għalhekk ma ngħatatx deċiżjoni mill-Uffiċju.

»illi min-naħa tagħha l-lanjata spjegat li din il-kwistjoni qamet fit-22 ta' Diċembru 2010 meta d-distributuri taċ-ċilindri tal-gas *LPG* marru fuq *strike* in kwantu kienu qegħdin jitolbu lil-lanjata sabiex huma jkunu jistgħu jiddistribwixxu wkoll iċ-ċilindri tal-kompetitur tal-lanjata. Fit-23 ta' Diċembru 2010 il-lanjata ġiet mitluba sabiex tattendi laqgħa urġenti mal-Uffiċju u dan biss ftit tal-ħin qabel ma bdiet l-istess laqgħa, però mingħajr indikażżjoni dwar il-mertu tal-istess. F'dik il-laqgħa l-Uffiċju staqsa diversi domandi lil-lanjata dwar il-mod kif kienet qed topera, kif kienet issir id-distribuzzjoni u l-posizzjoni tagħha fis-suq; però f'dak il-mument il-lanjata ma kinitx konxja dwar l-ilment fis-sens li ma ġietx formalment mgħarrfa jew mogħtija kopja tal-istess u anqas ma ġiet infurmata dwar l-allegat ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Ftit sigħat wara din il-laqgħa l-lanjata rċeviet talba għal aktar informazzjoni li l-Uffiċju talab b'ċertu urgenza in kwantu l-lanjata ġiet mitluba tirrispondi mill-aktar fis possibbli. Fil-fatt dakinhar stess il-lanjata wieġbet għal dawk id-domandi, però madwar siegħa wara reġgħet ġiet imsejħa għal laqgħa urġenti dak il-ħin stess mal-Uffiċju li damet sa tard bil-lejl fejn l-Uffiċju baqa' jagħmel domandi oħra lil-lanjata. Fl-24 ta' Diċembru 2010 il-lanjata reġgħet ġiet imsejħa l-Uffiċju fejn ingħatat kopja tad-Deċiżjoni u l-Ordni.

»Ikkunsidra ulterjorment

»illi m'hemm l-ebda dubju li tul l-*iter* proċedurali li wassal għad-Deċiżjoni u għall-Ordni l-Uffiċju kien obbligat li jimxi *ai termini* tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, inkluż għalhekk li l-lanjata jkollha l-opportunità li tifhem sew l-ilment imressaq kontrieha u li tagħti t-tweġibiet tagħha għall-istess b'mod adegwat. Dan jirriżulta mhux biss mill-ġurisprudenza nostrana rigward l-applikabilità tal-prinċipji tal-ġust-izzja naturali fit-twettiq ta' għemil amministrattiv u mill-fatt illi atti amministrattivi bħad-Deċiżjoni u l-Ordni huma sindikabbli mill-qorti *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, iżda wkoll mill-ġurisprudenza tal-

Qorti Ewropea u mir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea. Illi kif ġie deċiż minn dan it-tribunal fil-każ fl-ismijiet Onorevoli Joe Mizzi *v.* Uffiċju għall-Kompetizzjoni (rikors nru 1/2011, 27 ta' Frar 2013), "... it-tribunal għandu jħares l-ewwel u qabel kollox lejn il-liġi nostrana dwar kif tirregola l-kweżiti li jinsorġu waqt proċediment. Hu fin-nuqqas ta' provvediment jew nuqqas ta' kjarezza li t-tribunal allura għandu jirrekorri għal dak li jipprovdi l-paragrafu 13 tal-Iskeda tal-Kap. 379 u *cioè*: 'Fl-interpretazzjoni ta' dan l-Att, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għad-deċiżjonijiet preċedenti tagħha, deċiżjonijiet tal-Qorti ta' Prim' Istanza u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea. Hija għandha wkoll tirrikorri għad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea inklużi l-avviżi interpretattivi fuq id-disposizzjonijiet rilevanti tat-Trattat tal-KE u leġislazzjoni sussidjarja relattiva għall-kompetizzjoni". Illi fl-istess deċiżjoni dan it-tribunal qal ukoll li, "l-Kummissjoni għandha kompitu kważi ekwivalenti għall-Uffiċju għall-Kompetizzjoni u dak li jirreferi għal Kummissjoni ser jittieħed li jirreferi bl-istess mod għall-Uffiċju tal-Kompetizzjoni". Illi għalhekk, ġaladarba l-liġi nostrana u *cioè* l-Kap. 379 ma jipprovdi l-ebda regoli ta' proċedura partikolari għall-Uffiċju f'dan ir-rigward, l-Uffiċju hu obbligat li josserva wkoll il-prinċipji u l-provvedimenti derivanti mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea u mir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea.

»It-tribunal jirrileva li mill-kronolgija tal-fatti jirriżulta li, għalkemm *per se* l-perjodu qasir ta' żmien li fih ingħataw id-Deċiżjoni u l-Ordni ma jekwivalix neċessarjament għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq *da parte* tal-Uffiċju, u filwaqt li t-tribunal japprezza l-urġenza tal-każ, it-trapass taż-żmien bejn meta l-Uffiċju rċieva l-ilment u meta ngħataw id-Deċiżjoni u l-Ordni kien fil-fatt ferm qasir. L-urġenza tal-każ jew il-fatt illi, kif qal l-Uffiċju, id-Deċiżjoni tista' tiġi riveduta u ribaltata minn dan it-tribunal, bl-ebda mod ma jistgħu jiġġustifikaw li d-dritt għal smigħ xieraq jiġi imwarrab jew b'xi mod ippreġudikat. Fi kwalunkwe każ, f'każijiet ta' urġenza, fejn hemm bżonn ta' azzjoni immedjata, l-artikolu 15 tal-Kap. 379 jagħti r-rimedju opportun *ossia* miżuri *interim*, però f'dan il-każ l-Uffiċju għażel li jimxi mod ieħor.

»illi jirriżulta li l-Uffiċju rċieva l-ilment siegħa u nofs qabel ma nżammet l-ewwel laqgħa mal-lanjata, għalhekk il-lanjata ma setgħetx tkun ippreparata sabiex twieġeb għall-llment u dan kuntrarjament għal dak stabbilit fil-każ Transocean[1] fejn il-qorti qalet li r-regola ġenerali hi li intrapriża għandha tkun, "*clearly informed, in good time, of the essence of the conditions to which the Commission intends to subject an exemption and it must have the opportunity to submit its observations to the Commission*". Fil-fatt jirriżulta li kien proprju waqt din l-ewwel laqgħa li l-ilment ġie moqri lil-lanjata però l-lanjata ma ġietx mogħtija kopja bil-miktub tal-istess u dan bi ksur tal-artikolu 10(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (EC) Nº 773/2004 tas-7 ta' April 2004 li jipprovdi li, "Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-partijiet ikkonċernati bil-miktub bl-oġġezzjonijiet magħmula kontra tagħhom. Id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet għandha tkun innotifikata lil kull waħda minnhom". Illi *oltre* hekk, l-artikolu 10(2) tal-istess Regolament jipprovdi li, "Il-Kummissjoni għandha, meta tinnotifika d-dikjarazzjoni ta' oġġezz-jonjiet lill-partijiet ikkonċernati, tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih dawn il-

[1] »Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, Każ 17/74 Transocean Marine Paint Association *v.* Commission (1974) ECR 1063, 23 ta' Ottubru 1974.«

partijiet jistgħu jinformawha bil-miktub bil-veduti tagħhom". Għalhekk, l-ilment kellu mhux biss jiġi formalment notifikat lil-lanjata, iżda l-Uffiċju kellu wkoll jistabbilixxi terminu raġjonevoli għat-tweġiba. Illi f'dan il-każ ġà ġie stabbilit li l-ilment ma ġiex notifikat bil-miktub filwaqt li fil-każ tal-*email* mibgħuta mill-Uffiċju li permezz tagħha talbet it-tweġiba tal-lanjata għat-tliet allegazzjonijiet hemm imsemmija, lanqas ma jirriżulta li l-Uffiċju stabbilixxa terminu għat-tweġiba iżda qalet b'mod ġeneriku: "*It would be appreciated if you conform to this request at your earliest*". Illi għalhekk il-lanjata ma kinetx f'posizzjoni li tirregola bl-aħjar mod il-posizzjoni tagħha fir-rigward tar-risposta iżda kienet taħt pressjoni mill-Uffiċju sabiex twieġeb fl-iqsar żmien possibbli, u fil-fatt il-lanjata rċeviet l-imsemmija *email* fl-16:03 u wieġbet għall-istess dakinhar fit-19:52.

»illi mill-provi prodotti lanqas ma jirriżulta li l-lanjata ngħatat aċċess għall-*file* tal-Uffiċju u dan bi ksur tal-artikolu 27(2) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Nº 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 li jipprovdi li, "*The rights of defence of the parties concerned shall be fully respected in the proceedings. They shall be entitled to have access to the Commission's file, subject to the legitimate interest of undertakings in the protection of their business secrets*". Il-lanjata għalhekk kellha d-dritt li tkun infurmata bil-provi kollha fil-pussess tal-Uffiċju u tal-argumenti mressqa mill-partijiet kollha kkonċernati f'dan il-każ, fosthom għalhekk il-*GRTU* li ressqet l-ilment lis-Segretarju Parlamentari Responsabbli mill-Kompetizzjoni, u dan sabiex il-lanjata tkun f'posizzjoni li tressaq is-sottomissjonijiet tagħha fuq kull ma jinsab fil-*file* b'dan li għalhekk jigi rispettat ukoll l-artikolu 27(1) tal-istess Regolament li jipprovdi li, "*Before taking any decisions ... the Commission shall give the undertakings or association of undertakings which are the subject of the proceedings conducted by the Commission the opportunity of being heard on the matters to which the Commission has taken objection. The Commission shall base its decisions only on objections on which the parties concerned have been able to comment*", liema artikolu jirrifletti wkoll dak li ġie deċiz fil-każ <u>SA Musique Diffusion Française and other *v.* Kummissj</u>**oni**, (1983) ECR 1825, para. 31, u *cioè* li, "*the Commission may base its decision only on facts on which the undertakings have had the opportunity of making known their views*".«

4. Id-Direttur Ġenerali appella b'rikors tat-30 ta' April 2015 li għalih *Liquigas* wieġbet fl-20 ta' Mejju 2015. Billi fit-tweġiba *Liquigas* ressqet eċċezzjoni li l-appell ma jiswiex, għax tgħid illi l-liġi ma tagħtix dritt ta' appell, il-qorti sejra tqis din l-eċċezzjoni qabel tqis l-appell fil-meritu.

5. *Liquigas* tgħid illi l-Kap. 379 kif kien fis-seħħ meta nbdew il-proċeduri meritu ta' dan l-appell, *i.e.* qabel l-emendi mdaħħla bl-Att VI tal-2011,

ma kienx jagħti dritt ta' appell; dak id-dritt ingħata fl-art. 13A tal-Kap. 379 kif sostitwit bl-art. 132 tal-Att VI tal-2011.

6. Dan huwa minnu. Is-sentenza li minnha sar l-appell, iżda, ingħatat wara li daħal fis-seħħ l-art. 13A kif sostitwit bl-Att VI tal-2011, u għalhekk tintlaqat bil-liġi kif kienet fis-seħħ meta ngħatat, wara l-emendi magħmula b'dak l-Att, u mhux bil-liġi kif kienet fis-seħħ qabel.

7. *Liquigas* tgħid ukoll, iżda, illi, ukoll jekk hemm dritt ta' appell, appell jista' jsir biss "fuq punt ta' liġi", kif igħid l-art. 13(5) tal-Kap. 379 kif kien fis-seħħ fiż-żmien relevanti.

8. Dan ukoll huwa minnu, iżda jekk tħarsux jew le l-prinċipji tal-ġustizzja naturali – li huwa l-meritu tal-appell – huwa punt ta' liġi, u għalhekk seta' jsir appell fuqu.

9. L-eċċezzjoni li l-appell ma jiswiex hija għalhekk miċħuda.

10. Ngħaddu issa għall-meritu tal-appell, li essenzjalment huwa jekk fil-proċess li mexxa l-Uffiċċju kontra *Liquigas* tħarsux jew le l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, speċifikament id-dritt ta' parti li tkun taf x'inhu jingħad kontrieha fil-proċeduri u li tinstema' tressaq id-difiża tagħha wara li tingħata l-faċilitajiet meħtieġa biex tħejji u tressaq dik id-difiża.

11. Effettivament, l-aggravji tad-Direttur Ġenerali huma illi (i) il-liġi fiż-żmien relevanti ma kinitx tagħti jedd ta' aċċess għall-*file* tal-Uffiċċju; (ii) kienet meħtieġa deċiżjoni ta' malajr, u r-rimedju ta' miżura inter-lokutorja – li l-ewwel qorti qieset bħala r-rimedju li kellu jingħata f'dan il-każ – "jieħu fit-tul" u għahekk mhux tajjeb għal sitwazzjoni ta'

urġenza bħal ma kienet dik quddiem l-Uffiċċju; u (iii) ir-regoli ta' proċedura li jirregolaw proċessi quddiem il-Kummissjoni Ewropea mhux bilfors japplikaw għal-proċessi quddiem l-Uffiċċju.

12. Għalkemm b'dawn l-aggravji d-Direttur Ġenerali jfittex li jwieġeb għal uħud mill-argumenti mressqa mit-Tribunal biex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, din il-qorti ma tarax li ngħatat tweġiba tajba u biżżejjed biex jista' jingħad illi *Liquigas* tassew ingħatat smigħ li jħares il-ħtiġijiet tal-ġustizzja naturali.

13. Hemmx jew le dritt statutorju għal aċċess għall-*file*, xorta jibqa' meħtieġ illi min ikollu jwieġeb għal ilment bħal ma kellha twieġeb *Liquigas* fil-każ tallum għandu jkun jaf bi preċiżjoni għal xiex għandu jwieġeb. Fil-każ tallum mhux biss *Liquigas* ma ngħatatx kopja tal-ilmenti speċifiċi mressqa kontrieha iżda wkoll l-Uffiċċju żamm laqgħat mal-Kamra Maltija tan-Negozji Żgħar u Medji (*GRTU*), il-parti li ressqet l-ilment, fl-assenza ta' rappreżentanti ta' *Liquigas*, u żamm ukoll laqgħa mal-Awtorità Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi fl-assenza ta' rappreżentanti ta' *Liquigas* biex jiġbor tagħrif relevanti għall-każ. *Liquigas* ma ngħatatx fakoltà twieġeb għal dak li ntqal waqt dawk il-laqgħat, ladarba nżammu fl-assenza tagħha. Dan in-nuqqas ċerta-ment kien ta' preġudizzju għad-dritt ta' *Liquigas* li tħejji u tressaq id-difiża tagħha, u huwa waħdu biżżejjed biex jiġġustifika d-deċiżjoni tat-Tribunal li jħassar id-deċiżjoni tal-24 ta' Diċembru 2010, u biex għal-hekk jiġi miċħud dan l-appell.

14. Din il-qorti tqis paradossali l-argument tad-Direttur Ġenerali illi l-proċeduri li jwasslu biex jingħata rimedju interlokutorju "jieħdu fit-tul" waqt li dawk li jwasslu għal deċiżjoni finali jitmexxew b'aktar ħeffa. Jekk il-proċess biex jingħata rimedju interlokutorju "jieħu fit-tul" – presumibilment biex jitħarsu d-drittijiet tal-partijiet interessati – proċess li jwassal għal deċiżjoni finali anqas u anqas ma għandu jitmexxa mingħajr il-garanziji li jħarsu dawk id-drittijiet.

15. Dan kollu jgħodd irrispettivament minn jekk id-disposizzjonijiet tal-liġi ewropea li jirregolaw proċeduri quddiem il-Kummissjoni Ewropea jgħoddux ukoll għal proċeduri quddiem organi domestiċi.

16. Billi għalhekk hija tal-fehma illi d-deċiżjoni tat-Tribunal illi f'dan il-każ l-Uffiċċju ma ħarisx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali hija deċiżjoni tajba, il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

17. L-ispejjeż relativi għall-eċċezzjoni ta' invalidità tal-appell tħallashom *Liquigas*; l-ispejjeż l-oħrajn kollha jħallashom id-Direttur Ġenerali.

Giannino Caruana Demajo
Aġent President

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm